**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Nru: 377/97

Warrant Officer Carmel Grech
vs
Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, u l-Onorevoli Prim Ministru

Illum 21 ta' Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi garrab trattament ingust fl-Armata meta fil-1991 ma inghatax l-opportunita' li joqghod ghall-kors ta' Second Mate Foreign Going, meta fil-1991 ma inghatax promozzjoni ghar-rank ta' Lieutenant, u meta ma nghatax il-promozzjoni ghar-rank ta' Kaptan fil-1995.

Illi r-rikorrent ingagga fl-Armata bhala suldat fil-1976, u f'korsijiet organizzati mill-Armata lahaq il-First Class Level fil-Malti, l-Ingliz, il-Maths, u fil-Map Reading, u attenda ghal korsijiet fil-

Nautical School, u kkwalifika bhala Local Master BI fil-1981, bhala Master Advanced AII fil-1987, u bhala Master Advanced AI fil-1991.

Illi fil-1991, gie organizzat kors ghall-personnel tal-Maritime Squadron ta' l-Armata li kien superjuri ghall-kors ta' Master Advanced AI li ghalih kien jattendi r-rikorrent. Il-kors kien iwassal ghall-kwalifika ta' Second Mate Foreign Going. Ir-rikorrent ma inghatax l-opportunita jattendi dak il-kors, waqt li inghataw jattendu ghalih min kien hames 'ranks' anqas mir-rikorrent, u min kellu hmistax il-sena anqas servizz mir-rikorrent. B'hekk ir-rikorrent gie imcahhad mill-opportunita' ta' Impieg ahjar u paga ahjar li gawdew minnha dawk li attendew dak il-kors.

Illi fil-1992, meta r-rikorrent ilmenta dwar it-trattament hazin li kien ircieva, gie imwieghed li kien ser jigi promoss ghar-rank ta' Lieutenant, kif kien hemm ipprovvdut fil-Government Notice tal-20 ta' Gunju 1986, li tghid li 'rgiel ingaggati li jilhqu l-kompetenza u l-esperjenza mehtiega fuq il-bahar fis-snajja imsemmija jkunu eligibbli ghal promozzjoni mghaggla ghal 'ranks' oghla. Fil-futur, l-ghoti ta' kummissjoni fir-'rank' ta' Lieutenant lil xi rgiel ingaggati, huwa wkoll possibbli. Dan huwa pero' bil-kundizzjoni li huma jilhqu l-grad ta' 'Advanced Master I', li huwa hu stess marbut, fost affarijiet ohra, ma' servizz minimu ta' hames snin'. Izda, ingustament, dik il-promozzjoni baqghet ma inghatatx lir-rikorrent.

Illi fil-1995, ir-rikorrent kien ikun jikkwalifika ghal promozzjoni ghar-'rank' ta' Kaptan li kieku gie imlahhaq Lieutant fil-1991.

Illi ghalhekk ir-rikorrent sofra trattament ingust u ghalxejn ressaq l-ilmenti tieghu dwar dan.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti msemmija skond l-Att VIII tal-1997, u jaghti rimedju xieraq billi jiddikjara li r-rikorrent ghandu jinghata r-'rank' ta' Lieutenant mill-1991, u ghandu jinghata r-'rank' ta' Kaptan mill-1995, u li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens stabbilit mit-Tribunal ghat-telf finanzjarju kollu li garrab mill-1991 'l hawn, minhabba l-ingustizzji li sofra.

Ra l-lista ta' xhieda prezentata mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi oltre l-inammessibilita' msemmija hawn fuq, jidher li r-rikorrent qed jilmenta minn tlett affarijiet, jigifieri

a. li fil-1991 ma nghatax l-opportunita' li jattendi kors ta' Second Mate Foreign Going
b. li fil-1991 ma giex promoss ghar-rank ta' Logutenent
c. li fil-1995 ma giex promoss ghar-rank ta' Kaptan

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li ma nghatax opportunita li jattendi l-kors imsemmi li b'rizultat tilef xi mpieg jew paga ahjar ma fiha l-ebda bazi. Ir-rikorrent naqas li jiccara l-fatt li l-kors ta' Master Advanced I li huwa gie rrakkomandat u maghzul biex jattendi kien ta' l-istess kalibru tal-kors li hu qed jirreferi ghalih u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda raguni l'ghala kellu jmur jaghmel dak il-kors flok dak li kien qed jaghmel. Ta' min isemmi li r-rikorrent kien diga kkwalifikat bhala Master Advanced II u dawk li hu qed jirreferi ghalihom kienu ghadhom ser jibdew tista' tghid mill-bidu. Jidher li qabel ma dawn kien dahlu fl-Armata kienu jattendu n-Nautical School u ghaldaqstant kellhom bidu fuq kors ta' dan it-tip. Meta r-rikorrent qed jallega li hu gie mcahhad mill-opportunita' ta' mpieg ahjar u paga ahjar qieghed bil-fors jalludi ghall-impieg barra mis-Servizz. Wiehed irid jispjega li fil-kaz tal-kors msemmi cioe' Second Mate Foreign Going huwa kors li jwassal ghall-certifikat pajzan, filwaqt li fil-kors ta' Master Advanced I ic-certifikat huwa wiehed tas-Servizz li jinghata mis-Servizz. Dan ifisser li l-ilment tar-rikorrent qieghed li fejn fl-ewwel lok dawk li kienu qed jattendu l-kors ta' Second Mate Foreign Going kienu jistghu jipprezentaw certifikat pajzan jekk

dawn kienu b'xi mod jispiccaw mis-Servizz u jmorru jahdmu barra, hu ma setghax jaghmel dan bic-certifikat tas-Servizz. Hawn ta' min jesponi car li l-mottiv tar-rikorrent jidher li kien li jakkwista certifikat rekonixxibli barra mis-Servizz biex meta jidhirlu jispicca mis-Servizz u jmur jahdem barra. Kif gie espost aktar il-fuq, ghas-Servizz iz-zewg korsijiet kienu identici bid-differenza li dak li r-rikorrent kien qed jaghmel kien tkomplija ghall-kwalifika ta' Master Advanced I minn Master Advanced II. Ir-rizultat ta' kwalifika miz-zewg korsijiet kienet li dawk li jikkwalifikaw setghu jigu eliggibbli ghall-avvanz fl-Armata bl-istess mod.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li r-rikorrent qed isemmi li ma nghatax specjalment dik ta' logutenent hija wkoll bla bazi ghaliex il-kors li r-rikorrent kien qed jaghmel ma kienx b'konsegwenza ta' l-avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Gunju 1986 izda kors li minn zmien ghal zmien kien beda jsir biex individwu jkun jista' jigi kkwalifikat bhala Master Advanced I. Ghaldaqstant il-pretenzjoni tar-rikorrent hija bla bazi sew fir-rigward tal-promozzjoni ghar-rank ta' Logutenent u izjed u izjed fir-rigward tal-promozzjoni ghall-Kaptan.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurizdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fl-14 ta' Ottubru, 1998 l-intimat irrinunzja ghall-eccezzjoni ta' l-artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII tal-1997 riferibbilment ghall-artikolu 161 tal-Att dwar il-Forzi Armati.

Xehed ir-rikorrent li kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors. Fl-1991, l-Armata organizzat kors ghas-Second Mate Foreign Going li ghalih intaghzlu hames gunners. Hu li kien surgent u ma nghatajtx ic-cans li jiehu dan il-kors. Dan il-kors li huwa rikonoxxut internazzjonalment iwassal biex tkun tista' tahdem bhala fizzjal fuq bastiment. Wara l-1991 nghata ic-cans li jaghmel kors iehor l-kors ta' Master Advanced I u sostna li ghalkemm fil-Goverment notice ta' l-20 ta' Gunju 1986 kien hemm li min jiehu dak il-kors jinghata r-rank ta' Lieutenant u ghalkemm skond il-Goverment notice ta' 20 Gunju 1986 min jiehu dak il-kors kien jigi promoss ghal lieutenint, hu fil-fatt ma nghatax il-promozzjoni ta' Lieutenant.

Xehed il-Kaptan Kerr Principal tan-Nautical School li semma li jaf lir-rikorrent bhala student ghax mar ghal diversi korsijiet. Ikkonferma li r-rikorrent ikkwalifika bhala Local Master fl-1981

B1, bhala Master Advance A2 fl-1987, u bhala Master Advance A1 fl-1991. Ikkonferma li fl-1991 kien gie organizzat kors superjuri ghal Master Advance 1. Dan il-kors kien ekwivalenti ghas-second mate Foreign Going, pero` mhuwiex il-kors li kien ghamel ir-rikorrent. Ikkonferma li r-rikorrent ma thalliex jaghmel dan il-kors pero' l-ohrajn li nghataw ic-cans jaghmlu dan il-kors kienu nferjuri fir-rank ghar-rikorrent. Ikkonferma li meta tfassal dan il-kors il-ftehim kien stabbilit fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Gunju 1986 kif hemm ikkwotat f'pagna 1 u 2 tar-rikors.

Spjega li l-korsijiet kienu jsiru ghal mate, course iehor master scheme, ta' master advanced 2 u wara hemm il-course ta' master advanced 1. Min ikun ghadda l-process kollu jinghata certifikat ekwivalenti ghal second mate. Ic-certifikati jigu ekwivalenti ghas-second mate foreign going fil-merchant navy. Kienu hargu certifikati ghall-iskopijiet biex l-individwu jkollu wkoll x'juri lokalment. Kien ekwivalenti ghas-second mate foreign going. Ic-certifikat tas-second mate foreign going mhix il-kompetenza tan-nautical school li tohorgu hi. Dak iz-zmien kienet tohorgu il-port department, dan ic-certifikat u llum johrog mill-maritime authority. Ic-certifikat ta' master advanced 1 kien rikonoxxut biss ghall-Armed Forces.

Xehed il-Maggur Mario Gatt li ilu jaf lir-rikorrent ghal tnejn u ghoxrin sena u kien jahdem bhala diver mieghu qabel dahal fil-maritime squadron, u meta gie posted mill-maritime squadron huwa hadem mieghu, kien membru tal-crew tieghu fil-kapacita' ta' first mate. Qabel ma spicca mill-armata kien ukoll il-Kmandant

tieghu ghal sitt snin. Matul dan ix-xoghol kollu Grech dejjem kien ezemplari, wera inizjattiva u kapacita'. Fl-opinjoni tieghu dawn huma kwalitajiet li jaghmlu leader tajjeb. Grech kien inkarigat f'diversi operazzjonijiet ta' l-iskwadra u dejjem hareg bi flying colours.

Fi zmien l-ghazliet ta' second mate foreign going kien is-second in command tal-maggur Cini li kien l-OC Maritime. Zied li rrikorrent kien ta' standard aktar mill-hamsa li ntghazlu biex jaghmlu il-kors.

Lt. Col Mario Schembri xehed li mill-Personal File tar-rikorrent ma jidher li hemm l-ebda referenza ghar-recommendation li kien semma r-rikorrent fix-xhieda tieghu. Semma li f'Marzu 1981 ir-rikorrent lahaq Lance Bombardier, u f'Marzu ta' l-1982 lahaq Bombardier. F'Marzu ta' l-1983 lahaq Surgent. F'Marzu ta' l-1984 lahaq Staff Seargant. F'Jannar ta' l-1992 lahaq Warrant Officer II. F'Marzu tal-1996 lahaq Warrant Officer I u f'Mejju 1998 lahaq Commissioned Lieutenant. Mill-1984 sal-1988 ma kienx hemm l-ebda promotion exercise. Il-promotion exercises li kien hemm kienu fl-1988, fl-1992, fl-1996 u fl-1998. L-unika darba lir-rikorrent ma kienx ha l-promozzjoni kienet fl-1988.

Lt. Col. George Cini xehed li jiftakar lil Carmel Grech meta kien l-Officer in Command tieghu w kienu stazzjonati l-Hay Wharf. Dak iz-zmien fil-kategorija tar-rank tieghu dejjem ghamel id-doveri tieghu b'mod sodisfacenti. Kienu jibghatu n-nies u l-Kaptan Kerr kien jorganizza u jaghmel il-course. Mistoqsi dwar l-

parti mir-rikors, fl-ewwel pagna fejn hemm dawn il-kliem 'Illi fl-1992 meta r-rikorrent ilmenta dwar trattament hazin li kien rcieva u li gie mwieghed li kien ser jigi promoss ghar-rank ta' Lieutenant.' Jiena nghid li jiena zgur ma kontx weghdt dan lir-rikorrent.

Semma li lanqas jaf l-kulur politiku tar-rikorrent. Zied li ma jiftakarx dak li hemm f'pagna 2 tar-rikors l-kundizzjoni li kien hemm fil-Goverment gazette.

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq tlitt aspetti:

1. li fl-1991 ma inghatax l-opportunita' li jattendi kors ta' "second mate foreign going";
2. li fl-1991 ma inghatx il-promozzjoni ghal Logotenent;
3. li fl-1995 ma inghatax il-promozzjoni ghal Kaptan.

Ikkunsidra

Illi l-intimat eccepixxa li l-ewwel talba tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae.* Fis-sentenza tat-Tribunal deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" it-Tribunal dahal fil-fond fuq il-kwistjoni ta' kompentenza. Ma jirrizultax li l-fatt li persuna ma tinghatax l-opportunita tattendi kors jaqgha fil-kompetenza tat-Tribunal sakemm dan ma jwassalx direttament ghal xi konsegwenza ohra

imsemmija fl-Att bhal ma hi l-promozzjoni. Ghalhekk jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Issa r-rikorrent jilmenta wkoll li ma inghatax il-promozzjoni tal-1991 ghal Logotenent. Irrizulta li promozzjoijiet fl-Armata fl-1991 ma inghatwx izda kien hemm dawk tal-1992. Jekk stess wiehed jaccetta li l-ilment tar-rikorrent jirreferi ghall-promozzjonijiet tal-1992, ir-rikorrent ma ippruvax li xi hadd qabzu w inghata il-promozzjoni minfloku. Ghal dawn il-motivi jilqa' din l-eccezzjoni tal-intimat.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll dwar li ma inghatx il-promozzjoni fl-1995. Irrizulta li promozzjonijiet fl-Armata fl-1995 ma inghatwx. Kien fl-1996 li inghataw promozzjonijiet. Izda jekk wiehed ihares lejn l-artikolu 5 (4) isib li t-talba tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione temporis*. Ghal dawn il-motivi jilqa' wkoll din l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.